**Henry Glanville**

**Vs**

**Claudio Spiteri**

CCT 35/23/CC

Illum 18 ta' Awissu 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-22 ta' Frar 2023, fejn talab l-ammont ta' €550 (hames mija u hamsin ewro) rapprezentanti ammont imhallas mir-rikorrenti sabiex jinxtara sett ta' televizjoni gdid, in segwitu li r-rikorrenti ha s-sett tat-televizjoni tieghu ghand l-intimat ghat-tiswija.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezenta l-ebda risposta fit-terminu koncess mill-Ligi, u ghalhekk gie dikjarat bhala kontumaci.

L-intimat deher ghas-seduta appuntata bejn il-partijiet, u eventwalment iggustifika l-istat ta' kontumacja tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti u lix-xhud Keith Glanville jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2023.

Ra l-affidavit tar-rikorrenti ipprezentat fl-atti ta' din il-kawza permezz ta' nota datata 5 ta' Gunju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f' Ottubru 2022 ir-rikorrenti ha s-sett tat-televizjoni tieghu ghand l-intimat sabiex jissewwa. In segwitu ghal xi granet, it-tiswijiet kienu tlestew, u l-intimat ikkuntatja lir-rikorrenti sabiex jaghddi u jigbor it-televizjoni tieghu. Meta r-rikorrenti mar jigbor is-sett tat-televizjoni tieghu huwa jghid li parti minnu ma kienetx tidher, u ma setax jara l-iscreen shih. Da parti ta' l-intimat huwa jghid li meta r-rikorrenti mar ghat-televizjoni, huwa xeghel it-televizjoni sabiex

jivverifika li qed jahdem tajjeb, u irrizulta li t-televizjoni kien jahdem sew. Ir-rikorrenti ippostja it-televizjoni fil-vettura tieghu u saq lejn id-dar.

Illi sussegwentement gara li kif wasal id-dar u xeghel it-televizjoni, iben ir-rikorrenti gibed l-attenzjoni ta' missieru li t-televizjoni kellu difett, u minnufih ikkuntatjaw lil intimat. L-intimat, da parti tieghu wara ftit hin mar id-dar tar-rikorrenti sabiex jara x'hini ll-problema. L-intimat jghid li id-difett li kellu t-televizjoni kien rizultat ta' xi daqqa li seta' ha t-televizjoni waqt it-tragitt. Huwa offra proposti ta' trasazzjoni lir-rikorrenti sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata. Gara li r-rikorrenti eventwalment xtara sett ta' televizjoni gdid ghal ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550), u huwa ressaq l-ilment odjern sabiex jithallas l-ammont kollu tat-televizjoni li xtara.

Illi t-Tribunal jinnota li jirrizultaw diskrepanzi bejn il-versjonijiet tal-fatti kif prodotti bejn il-partijiet. Inoltre, jigi rimarkat li r-rikorrenti qieghed jitlob l-ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550) ekwivalenti ghal prezz ta'l-akkwist ta' sett tat-televizjoni gdid, meta effettivament, is-sett ta' televizjoni li inghata lil intimat ghat-tiswija ma kienx gdid. Dan il-punt iwassal lit-Tribunal sabiex ma jilqax it-talba imressqa mir-rikorrenti fl-intier taghha, stante li fl-eventwalita ta' akkoljiment tat-talba fl-intier taghha, dan ma johloqx sens ta' ekwita u gustizzja bejn il-partijiet.

Illi tenut kont tal-premess, minn ezami tal-provi mressqa mill-partijiet, t-Tribunal jinnota li huwa misthoqq kumpens favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' mitt ewro (€100) li huwa l-ammont imhallas minnu lil intimat.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrizulta li r-rikorrent ipprova in parte l-istanza tieghu u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha in parte ghal ammont ta' mitt ewro (€100).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lil intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' mitt ewro (€100).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru